MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 346/2008

**Mobisle Communications Limited (C - 24655)**

**vs**

**Ian Sammut**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas ta’ mija u tmienja u sittin Euro u tmintax-il centezmu (€168.18) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skont *Client Contract Number* 1005022 in rigward ghal servizi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Ottubru 2006 u Jannar 2007.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Frar, 2008 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-Att, dawk tal-ittra ufficjali lil Banek relattiva ghall-imsemmi mandat u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta, ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat kapitolu fil-5 ta' Mejju, 2009 mill-Prokuratur Legali Peter Sammut u l-fatt li  l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------